PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

2007/0094(COD)

25.6.2008

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

għall-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar Sanzjonijiet kontra min iħaddem lil ċittadini minn pajjiżi terzi b'residenza illegali
(COM(2007)0249 – C6-0143/2007 – 2007/0094(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Giuseppe Castiglione

PA_Legam

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Ir-Rapporteur jaqbel ma' din il-proposta għal direttiva, u jaqbel bis-sħiħ ma' l-objettivi. L-introduzzjoni ta' miżuri u sanzjonijiet, anki kriminali, li għandhom is-saħħa li jżommu lil min iħaddem milli jimpjega ċittadini b'residenza illegali fl-UE, mhux biss hija strument fil-ġlieda kontra l-immigrazzjoni klandestina, imma hija wkoll mezz biex ikun hemm żvilupp fil-kompetizzjoni ġusta fis-suq, u, b'mod indirett, biex jittenna d-dritt li kull ħaddiem ikun soġġett għal kundizzjonijiet xierqa tax-xogħol.

Il-settur agrikolu huwa wieħed mill-oqsma prinċipali ta' impjieg ta' immigranti illegali, li japplikaw għal postijiet manwali, ġeneralment tat-tip staġjonali, f'attivitajiet ta' xogħol li spiss iċ-ċittadini Ewropej ma' jkunux lesti li jagħmlu (bħala eżempju, il-ħsad tat-tadam fl-Italja). Għalhekk, il-mudell ta' użu tal-ħaddiema extrakomunitarji fis-settur tal-biedja huwa karatterizzat b'relazzjonijiet qosra jew qosra ħafna ta' xogħol, imma intensivi ħafna (ħafna relazzjonijiet qosra jinsabu fl-istess intrapriża).

Minħabba n-numru kbir ta' impjegati irregolari u ż-żmien qasir ta' l-impieg tagħhom, ir-Rapporteur iqis xieraq li jsiru xi modifiki fil-proposta tal-Kummissjoni Ewropea, kif ukoll xi emendi ġenerali maħsuba prinċipalment biex ma jiżdidux il-piżijiet burokratiċi fuq min iħaddem.

L-ewwelnett, ir-Rapporteur jaqbel perfettament li l-prinċipju li min iħaddem għandu jħallas lill-ħaddiem il-paga u l-kontributi soċjali u fiskali li ma ġewx imħallsa. Madankollu, jemmen li l-ħsieb li l-proċedura ta' rkupru tal-ħlasijiet mhux imħallsa titnieda b'mod awtomatiku, kif ipproponiet il-Kummissjoni, idaħħal fil-liġi differenza fit-trattament bejn il-ħaddiema immigrati klandestini u l-ħaddiema Ewropej, u ma jidhirx li dan huwa ġustifikat. Infatti, mhux magħruf għalfejn, fil-każ ta' immigranti klandestini, it-tmexxija ta' l-obbligi li jinbtu minn relazzjoni ta' xogħol għandha tkun regolata minn regoli differenti minn dawk tal-liġi tax-xogħol, fejn hemm fis-seħħ il-prinċipju ġenerali tat-talba permezz ta' rikors quddiem il-ġustizzja, fejn il-ħaddiem jiddefinixxi l- "quantum debeatur".

Bl-istess mod, il-preżunzjoni ta' żmien minimu ta' 6 xhur ta' impjieg, tista' twassal għal nuqqas ta' ugwaljanza mhux iġġustifikata, fir-rigward ta' ħaddiema Ewropej impjegati bla ktieb tax-xogħol. Tali preżunzjoni tpoġġi piż fuq min iħaddem biex jagħti prova li l-perjodu ta' xogħol huwa inqas. Din hija prova kuntrarja u ta' piż partikulari għal min iħaddem (huwa aktar faċli li jintwera li xi ħaġa ġrat, milli li xi ħaġa ma ġratx!), u dan, għal min iħaddem, ifisser sanzjoni oħra sproporzjonata, jekk jitqies li fis-settur tal-biedja, it-tul ta' żmien tar-relazzjonijiet ta' xogħol huwa ta' madwar 40 jum. Barra minn hekk, il-preżunzjoni jista' jkollha l-effett kuntrarju li tinkoraġġixxi l-immigrazzjoni illegali taċ-ċittadini extrakomunitarji, li jiġu attratti minn possibilità li jirċievu paga ta' mill-anqas sitt xhur, anki jekk jaħdmu biss ftit jiem.

Fl-aħħar, b'referenza għall-miżuri projbitivi, ir-Rapporteur iqis li jeħtieġ li jitħalla marġini ta' spazju għall-Istati Membri, sabiex ikunu jistgħu jikkunsidraw aħjar il-karatteristiċi speċifiċi ta' kull settur u anki l-impatt soċjali ta' l-applikazzjoni ta' tali miżuri.

EMENDI

Il-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali jistieden lill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Emenda 1

Proposta għal direttiva
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Id-dispożizzjonijiet m'għandhomx ikopru liċ-ċittadini minn pajjiżi terzi li m'għandhomx residenza illegali. Dawn jeskludu ċittadini minn pajjiżi terzi li huma membri tal-familja jew ċittadini ta' l-Unjoni li qed jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom tal-moviment *ħieles* fil-Komunità, u dawk li, taħt il-ftehimiet bejn il-Komunità u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-pajjiżi li huma ċittadini tagħhom, min-naħa l-oħra, igawdu minn drittijiet ta' moviment *ħieles* daqs iċ-ċittadini ta' l-Unjoni. Dawn jeskludu wkoll liċ-ċittadini minn pajjiżi terzi li jinsabu f'sitwazzjoni koperta mil-liġi tal-Komunità, bħal dawk li huma impjegati legalment fi Stat Membru ieħor u dawk li huma ssekondati minn fornitur tas-servizzi fi Stat Membru ieħor fil-kuntest tad-dispożizzjoni tas-servizzi.	(4) Id-dispożizzjonijiet m'għandhomx ikopru liċ-ċittadini minn pajjiżi terzi li m'għandhomx residenza illegali. Dawn jeskludu ċittadini minn pajjiżi terzi li huma membri tal-familja jew ċittadini ta' l-Unjoni li qed jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom tal-moviment *liberu* fil-Komunità, u dawk li, taħt il-ftehimiet bejn il-Komunità u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-pajjiżi li huma ċittadini tagħhom, min-naħa l-oħra, igawdu minn drittijiet ta' moviment *liberu* daqs iċ-ċittadini ta' l-Unjoni. Dawn jeskludu wkoll liċ-ċittadini minn pajjiżi terzi li jinsabu f'sitwazzjoni koperta mil-liġi tal-Komunità, bħal dawk li huma impjegati legalment fi Stat Membru ieħor u dawk li huma ssekondati minn fornitur tas-servizzi fi Stat Membru ieħor fil-kuntest tad-dispożizzjoni tas-servizzi ***kif ukoll il-persuni li jibbenefikaw minn miżuri ta'ażil jew minn status ta' refuġjati.***

Emenda 2

Proposta għal direttiva
Premessa 8a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(8a) Sabiex tiġi garantita l-effikaċja ta' din id-direttiva, kwalunkwe benefiċċju li jittieħed meta ma kienx hemm lok għalih,

minħabba l-impjegar illegali taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi, għandu jittieħed lura. Is-salarju li ma jkunx tħallas u l-vantaġġi l-oħra fi flus marbuta ma' l-impjieg, li għandhom jiġu rimborżati, għandhom għalhekk ikunu ekwivalenti għal dawk li jkunu ttieħdu mill-ħaddiema komparabbli f'relazzjoni ta' xogħol iddikjarata.

Emenda 3

Proposta għal direttiva
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Fid-dawl tar-rikors frekwenti għas-subkuntrattar f'ċerti setturi affettwati, huwa neċessarju li jiġi żgurat li l-impriżi kollha f'katina ta' subkuntrattar jinżammu responsabbli in solidum għas-sanzjonijiet finanzjarji kontra min iħaddem fit-tmiem tal-katina li jimpjega ċittadini minn pajjiżi terzi b'residenza illegali.	(13) Fid-dawl tar-rikors frekwenti għas-subkuntrattar f'ċerti setturi affettwati, huwa neċessarju li jiġi żgurat li l-impriżi kollha f'katina ta' subkuntrattar jinżammu responsabbli in solidum għas-sanzjonijiet finanzjarji kontra min iħaddem fit-tmiem tal-katina li jimpjega ċittadini minn pajjiżi terzi b'residenza illegali ***sakemm wieħed ikun jista' jagħti prova li ma kinux aġixxew b'rieda tajba u li kienu jafu dwar l-illegalità tal-prattiki ta' impjieg ta' min iħaddem fit-tmiem tal-katina.***

Ġustifikazzjoni

Jaqbel li tinżamm il-preżunzjoni ta' innoċenza.

Emenda 4

Proposta għal direttiva
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Biex jiġi ffaċilitat l-infurzar, għandu jkun hemm mekkaniżmi effettivi ta' lmentar li permezz tagħhom iċ-ċittadini minn pajjiżi terzi rilevanti jkunu jistgħu	(18) Biex jiġi ffaċilitat l-infurzar, għandu jkun hemm mekkaniżmi effettivi ta' lmentar li permezz tagħhom iċ-ċittadini minn pajjiżi terzi rilevanti jkunu jistgħu

jippreżentaw l-ilmenti direttament jew permezz ta' partijiet terzi magħżula bħal trejdjunjins jew assoċjazzjonijiet oħrajn. Dawn il-partijiet terzi magħżula għandhom ikunu protetti, meta jipprovdu għajnuna għall-preżentazzjoni ta' l-ilmenti, kontra sanzjonijiet taħt regoli li jipprojbixxu l-faċilitazzjoni ta' residenza mhux awtorizzata.	jippreżentaw l-ilmenti direttament jew permezz ta' partijiet terzi magħżula bħal trejdjunjins jew assoċjazzjonijiet oħrajn. Dawn il-partijiet terzi magħżula għandhom ikunu protetti, meta jipprovdu għajnuna għall-preżentazzjoni ta' l-ilmenti, kontra sanzjonijiet taħt regoli li jipprojbixxu l-faċilitazzjoni ta' residenza mhux awtorizzata. ***Għandu jiġi inkoraġġut l-irwol ta' medjatur ta' l-organizzazzjonijiet settorjali li huma preżenti fil-post.***

Ġustifikazzjoni

Huwa partikolarment il-każ ta' l-organizzazzjonijiet agrikoli li, fid-dawl tal-kuntatti permanenti tagħhom mal-partijiet kollha kkonċernati, jistgħu jkunu ta' għajnuna kbira fis-sejba ta' soluzzjoni għall-kunflitti.

Emenda 5

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 (2)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri għandhom jobbligaw lil min iħaddem li jaġixxi fil-qafas ta' l-attivitajiet ekonomiċi jew bħala persuna legali biex jinnotifika lill-awtoritajiet kompetenti magħżula mill-Istati Membri kemm *il*-bidu kif ukoll *it*-tmiem ta' l-impjieg ta' ċittadin minn pajjiżi terz l-iktar tard fi żmien ġimgħa.	2. L-Istati Membri għandhom jobbligaw lil min iħaddem li jaġixxi fil-qafas ta' l-attivitajiet ekonomiċi jew bħala persuna legali biex jinnotifika lill-awtoritajiet kompetenti magħżula mill-Istati Membri kemm *mill*-bidu kif ukoll *mit*-tmiem ta' l-impjieg ta' ċittadin minn pajjiżi terz, l-iktar tard fi żmien ġimgħa. ***Fil-każ li l-liġi ta' Stat Membru diġà taħseb għall-obbligu, ta' min iħaddem, li jinforma l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti bil-ħolqien ta' relazzjoni ta' xogħol u/jew ta' ċirkostanzi li jwasslu għal dan, l-obbligu ta' informazzjoni dwar it-tħaddim ta' ċittadin minn pajjiż terz għandu jitgħarraf lill-istess awtorità.***

Emenda 6

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 (2a) (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2 a. F'kull każ, l-Istati Membri għandhom jadottaw il-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw livell xieraq ta' koperazzjoni u ta' skambju xieraq ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali differenti kkonċernati.

Emenda 7

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 (1)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jiżguraw li kwalunkwe infrazzjoni ta' l-Artikolu 3 tkun suġġetta għal sanzjonijiet effettivi, proporzjonati u dissważivi kontra min iħaddem.	1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jiżguraw li kwalunkwe infrazzjoni ta' l-Artikolu 3 ***li min iħaddem ikun responsabbli għaliha skond l-Artikolu 5*** tkun suġġetta għal sanzjonijiet effettivi, proporzjonati u dissważivi kontra min iħaddem.

Emenda 8

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 (2b)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
b) ħlasijiet ta' l-ispejjeż tar-ritorn ta' kull ċittadin illegali mħaddem illegalment f'dawk il-każijiet fejn il-proċeduri tar-ritorn ikunu mwettqa.	***imħassar***

Emenda 9

Proposta għal direttiva
Artikolu 7 (2a)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
a) jadottaw ***mekkaniżmi biex jiżguraw*** li ***l-proċeduri neċessarji*** biex jitolbu lura r-remunerazzjoni b'lura pendenti ***għandhom jiġu stimolati awtomatikament mingħajr ma jkun hemm bżonn li ċ-ċittadini minn pajjiżi terzi jintroduċu talba***;	a) jadottaw ***il-miżuri neċessarji sabiex il-ħaddiema li jkunu fil-pajjiż illegalment ikunu jistgħu*** jitolbu lura r-remunerazzjoni b'lura pendenti***, skond il-proċeduri nazzjonali previsti għal din ir-raġuni;***

Emenda 10

Proposta għal direttiva
Artikolu 7 (2b)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
b) jipprovdu li jkun hemm suppożizzjoni ta' relazzjoni tax-xogħol ta' mill-inqas 6 xhur, ħlief jekk min iħaddem ikun jista' jipprovdi xiehda mod ieħor.	***imħassar***

Emenda 11

Proposta għal direttiva
Artikolu 7 (4)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Fir-rigward tar-reati kriminali koperti bl-Artikolu 10(1)(c), l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jiżguraw li l-eżekuzzjoni ta' kwalunkwe deċiżjoni ta' ritorn tiġi postposta sakemm iċ-ċittadin mill-pajjiż terz ikun irċieva kwalunkwe ħlas b'lura tar-remunerazzjoni dovuta lilu skond il-paragrafu 1(a).	***imħassar***

Emenda 12

Proposta għal direttiva
Artikolu 8 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jiżguraw li min iħaddem li jaġixxi fil-qafas ta' attivitajiet finanzjarji jista' wkoll, ***jekk ikun xieraq***, ***ikun*** suġġett għal dawn il-miżuri:	L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex min iħaddem li jaġixxi fil-qafas ta' attivitajiet finanzjarji ***jista'*** wkoll ***ikun*** suġġett ***għal mill-anqas waħda*** minn dawn il-miżuri, ***fil-każ ta' serjetà kbira/partikulari:***

Emenda 13

Proposta għal direttiva
Artikolu 8 c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
c) l-irkupru tal-benefiċċji pubbliċi, għajnuna, jew sussidji, inkluż il-finanzjament mill-UE ġestit mill-Istati Membri, mogħti lil min iħaddem matul ***it-12-il xahar qabel ma jinkixef*** l-impjieg illegali;	c) l-irkupru tal-benefiċċji pubbliċi, għajnuna, jew sussidji, inkluż il-finanzjament mill-UE ġestit mill-Istati Membri, mogħti lil min iħaddem matul ***kemm idum*** l-impjieg illegali; ***jekk id-dewmien effettiv ta' l-impjieg illegali ma jkunx jista' jiġi ddeterminat, ir-relazzjoni tax-xogħol titqies bħala li tkun ta' tliet xhur;***

Ġustifikazzjoni

Dewmien ta' 12-il xahar huwa twil wisq. Tali ħruxija tkun inġusta u tkun tikser il-prinċipju tal-proporzjonalità.

Emenda 14

Proposta għal direttiva
Artikolu 14 (2)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri m'għandhomx jimponu sanzjonijiet kontra partijiet terzi magħżula li jipprovdu għajnuna lil ċittadini minn pajjiżi terzi jippreżentaw l-ilmenti, fuq il-	2. L-Istati Membri m'għandhomx jimponu sanzjonijiet kontra partijiet terzi magħżula li jipprovdu għajnuna lil ċittadini minn pajjiżi terzi *li* jippreżentaw l-ilmenti, fuq il-

bażi tal-faċilitazzjoni ta' residenza mhux awtorizzata.	bażi tal-faċilitazzjoni ta' residenza mhux awtorizzata***, partikolarment fil-każ ta' organizzazzjonijiet rappreżentattivi settorjali.***

Ġustifikazzjoni

Huwa partikolarment il-każ ta' l-organizzazzjonijiet agrikoli li, fid-dawl tal-kuntatti permanenti tagħhom mal-partijiet kollha kkonċernati, jistgħu jkunu ta' għajnuna kbira fis-sejba ta' soluzzjoni għall-kunflitti.

Emenda 15

Proposta għal direttiva
Artikolu 15 (2)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***L-***għażla tal-kumpaniji biex jiġu spezzjonati għandha tkun ibbażata fuq valutazzjoni tar-riskju stabbilita mill-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri waqt li jingħata kont ta' fatturi bħas-settur li fih topera *kumpannija* u kwalunkwe rekord ta' infrazzjoni fil-passat.	2. ***Jekk l-***għażla tal-kumpaniji biex jiġu spezzjonati għandha tkun ibbażata fuq valutazzjoni tar-riskju stabbilita mill-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri waqt li jingħata kont ta' fatturi bħas-settur li fih topera *kumpanija* u kwalunkwe rekord ta' infrazzjoni fil-passat***, l-Istati Membri huma awtorizzati li jidderogaw mill-obbligu previst fl-ewwel paragrafu, wara li jkunu infurmaw b'dan lill-Kummissjoni.***

Emenda 16

Proposta għal direttiva
Artikolu 15b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 15b
	Salvagwardja tal-livell ta' protezzjoni
	L-ebda dispożizzjoni ta' din id-direttiva ma tista' tikkostitwixxi raġuni biżżejjed biex ikun ġustifikat tnaqqis tal-livell ta' protezzjoni diġà mogħti mill-Istati Membri liċ-ċittadini tal-pajjiżi terzi vulnerabbli fl-oqsma koperti minn din id-

direttiva.

Emenda 17

Proposta għal direttiva
Artikolu 16, subinċiż 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Sa [Tliet snin wara d-data msemmija fl-Artikolu 17] l-iktar tard, u kull tliet snin wara din id-data, l-Istati Membri għandhom jittrażmettu informazzjoni lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva fil-forma ta' rapport li għandu jinkludi n-numri u r-riżultati ta' l-ispezzjonijiet imwettqa skond l-Artikolu 15 u d-dettalji ta' miżuri applikati taħt l-Artikolu 8.	Sa [Tliet snin wara d-data msemmija fl-Artikolu 17] l-iktar tard, u kull tliet snin wara din id-data, l-Istati Membri għandhom jittrażmettu informazzjoni lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva fil-forma ta' rapport li għandu jinkludi n-numri u r-riżultati ta' l-ispezzjonijiet imwettqa skond l-Artikolu 15 u d-dettalji ta' miżuri applikati taħt l-Artikolu 8 ***jew taħt l-Artikolu 13***.

PROĊEDURA

Titolu	Sanzjonijiet kontra min iħaddem lil ċittadini minn pajjiżi terzi b'residenza illegali
Referenzi	COM(2007)0249 – C6-0143/2007 – 2007/0094(COD)
Kumitat responsabbli	LIBE
Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	AGRI 27.9.2007
Rapporteur ta' opinjoni: Data tal-ħatra	Giuseppe Castiglione 8.10.2007
Eżami fil-kumitat	25.6.2008
Data ta' l-adozzjoni	25.6.2008
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 34 –: 1 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Vincenzo Aita, Bernadette Bourzai, Niels Busk, Luis Manuel Capoulas Santos, Giuseppe Castiglione, Albert Deß, Gintaras Didžiokas, Michl Ebner, Carmen Fraga Estévez, Ioannis Gklavakis, Lutz Goepel, Friedrich-Wilhelm Graefe zu Baringdorf, Esther Herranz García, Lily Jacobs, Elisabeth Jeggle, Heinz Kindermann, Stéphane Le Foll, James Nicholson, Neil Parish, María Isabel Salinas García, Agnes Schierhuber, Willem Schuth, Czesław Adam Siekierski, Alyn Smith, Petya Stavreva, Witold Tomczak, Donato Tommaso Veraldi, Janusz Wojciechowski, Andrzej Tomasz Zapałowski
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Katerina Batzeli, Ilda Figueiredo, Wiesław Stefan Kuc, Astrid Lulling, Maria Petre, Brian Simpson
Sostitut(i) (skond l-Artikolu 178 (2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Paulo Casaca